**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 11 ta' Dicembru 2019**

**Rikors Numru : 291/2019 JPG**
**Kawza Numru : 17**

**JF**
**Vs**
**MZ**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' JF, datat 20 ta' Gunju 2019, a fol 1 et seq, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izewwġu fis-sitta u għoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elf disgħa mija u tnejn u disgħin (26/09/1992) (hawn anness u mmarkat bħala Dok A)*

2. *Illi l-partijiet isseparaw fit-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) permess ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Vella Haber u għalhekk ilhom jgħixu separatament għal iktar minn erba snin (hawn anness u mmarkat bħala Dok B);*

3. *Illi m'hemm l-ebda tama għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

4. *Illi m'hemm l-ebda kwistjoni bejniethom dwar l-manteniment stante li l-manteniment titħallas regolarment;*

5. *Illi għaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha stabbiliti mil-Liġi biex jingħataw d-divorzju skont l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta);*

*Għaldaqstant l-esponent f'dawn iċ-ċirkostanzi jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien indikat minn din l-istess Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, u sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, id-digriet u tal-avviż tas-smiegħ ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Rat ir-risposta ta' MZ datata 9 ta' Lulju 2019 a fol 13 li taqra hekk:

1. *Illi dwar il-fatti elenkati fir-rikors ġuramentat promotur, u ċioe li l-partijiet iżewwġu fis-26 ta' Settembru 1992 u sussegwentament isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dr Patricia Vella Haber nhar it-30 ta' Mejju 2013 hemm qbil.*

2. *Illi fir-rigward tar-rekwiżiti elenkati mill-Artikolu 66 B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponenti taqbel ma' dak iddikjarat fir-rikors ġuramentat promotur u ċioe li l-partijiet ilhom separati għal aktar minn erba' (4) snin, li l-manteniment qiegħed jitħallas regolarment u li ma hemm ebda tama ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.*

3. *Illi l-esponenti taqbel mar-rikorrent li ż-żwieġ tal-partijiet għandu jinħall kif mitlub u għaldaqstant mhijex topponi għat-talbiet tar-rikorrenti.*

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawża.

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B u 66 C tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

**Ikkonsidrat**:

**JF** xehed **(fol 17)** illu huwa izewweġ lil MZ fis-26 ta' Settembru 1992 u li minn dan iz-zwieġ twieldu zewġt itfal, maġġorenni, u t-tnejn jaħdmu. Illi ż-żwieġ ma rnexxiex u li huma iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni f'Mejju 2013 u li minn dak iż-żmien ma kienx hemm rikonċiljazzjoni u lanqas hemm tama ta' xi rikonċiljazzjoni. Illi manteniment dejjem tħallas u ma hemmx arretrati ta' manteniment.

**MZ** xehdet (**fol 20**) u ikkonfermat u kkoroborat ix-xhieda moghtija mir-rikorrenti.

**Ikkonsidrat**:

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa***

> ***flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-26 ta' Settembru 1992 (Vide fol 3);

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Vella Haber datat 30 ta' Mejju  elfejn u tlettax  (vide fol 4 et seq.)  Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet ilhom  separati de facto ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi;

Jirriżulta ukoll illi mhemmx pendenzi rigward ħlas ta' manteniment bejn il-partijiet;

Il-Qorti tqis inoltre illi ġie ippruvat illi ma hemm l-ebda tama ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;

Għalhekk jirriżulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa r-rekwiżiti kollha meħtieġa mil-liġi sabiex iż-żwieġ jiġi maħlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' it-talbiet, tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien xahar mil-llum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**